Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,861, 3 ta' Lulju, 1981

Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XXIV ta' 1-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi li jsiru Lotteriji tal-Gvern.

ACT No. XXIV of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the holding of Government Lotteries.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

3 ta' Lulju, 1981

ATT Nru. XXIV ta' l-1981

ATT biex jipprovdi li jsiru lotteriji tal-Gvern.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"aġent" tfisser persuna maħtura mid-Direttur biex tmexxi l-bejgħ ta' biljetti barra minn Malta;

"bejjiegħ" tfisser persuna maħtura mid-Direttur biex tbiegħ biljetti f'Malta;

"biljett" tfisser biljett li jieħu sehem f'lotterija li ssir taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"biljett rebbieħ" tfisser biljett li jkollu l-ittra u/jew in-numri li jitilgħu f'lotterija partikolari.

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku;

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Lottu Pubbliku u tinkludi kull persuna msemmija mill-Ministru biex taqdi kull funzjoni jew dmir tad-Direttur;

"ġogatur" tfisser persuna li tixtri jew ikollha biljett;

"lotterija" tfisser kull twettieq wieħed ta' xi proġett magħmul u immexxi taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu għat-tqassim ta' premjijiet li jintrebħu bix-xorti minn ġogaturi li jieħdu sehem f'dak il-proġett;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"sena finanzjarja" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fil-Kostituzzjoni.

Bidu ta' lotterija tal-Gvern.

3. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, il-Ministru jista' jawtorizza lid-Direttur biex jagħmel u jmexxi lotterija tal-Gvern skond dawk id-direttivi li l-Ministru jidhirlu xierqa li jagħti għal hekk u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista' jawtorizza lid-Direttur biex jagħmel ix-xogħol kollu għat-tħejjija kif id-Direttur jidhirlu meħtieġ biex jagħmel u jmexxi kull lotterija bħal dik.

Setgħa għall-egħmil ta' regolamenti.

4. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jagħti effett lil kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u b'mod partikolari, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu jippreskrivu —

(a) in-numru ta' lotteriji li għandhom isiru f'kull sena u l-jum, ħin u post tat-tlugħ ta' kull lotterija tal-Gvern;

(b) il-proċedura li biha għandha titmexxa kull lotterija bħal dik;

(ċ) in-numru u l-valur tal-premjijiet li għandhom jingħataw dwar kull tlugħ u l-mod kif jitħallsu l-premjijiet;

(d) is-setgħat u d-dmirijiet ta' kull persuna li l-preżenza tagħha tkun meħtieġa waqt it-tlugħ;

(e) il-prezz li bih kull biljett li jista' jintuża f'xi lotterija bħal dik jista' jinbiegħ, u l-biljetti u d-dokumenti l-oħra li jistgħu jintużaw f'xi lotterija bħal dik;

(f) in-numru ta' biljetti li għandhom jinħarġu għall-bejgħ f'xi tlugħ partikolari;

(ġ) iż-żmien li fih u l-mod kif premjijiet tista' ssir talba għalihom jew jitħallsu;

(ħ) il-kondizzjonijiet li taħthom premjijiet li ma ssirx talba għalihom jintilfu favur il-Gvern;

(i) il-penali, li ma tkunx iżjed minn multa ta' mitt lira, li tista' tingħata għal kull ksur ta' xi regolament magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(j) kull ħaġa li għandha jew li tista' tiġi preskritta taħt dan l-Att u biex jipprovdi aktar dwar kull ħaġa bħal dik hekk kif jidhirlu xieraq.

Ħatra ta' bejjiegħa u aġenti.

5. (1) Id-Direttur jista' jġiegħel li biljetti ta' lotterija jinbiegħu permezz ta' kull uffiċjal pubbliku mpjegat fid-Dipartiment u jista' jaħtar bejjiegħa u aġenti għal dak iż-żmien li jiġi speċifikat fil-ħatra u jista' jagħti dawk id-direttivi u jimponi dawk il-kondizzjonijiet li d-Direttur jidhirlu xierqa dwar id-dmirijiet ta' dawk il-persuni, iż-żmien li fih għandu jintbagħat id-dħul mill-bejgħ tal-biljetti, il-prospetti, il-formuli u r-rapporti li jistgħu jsiru u t-tagħrif li jista' jiġi mitlub mingħand dawk il-persuni mid-Direttur fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(2) Id-Direttur jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jirrifjuta kull talba minn kull persuna għall-ħatra bħala bejjiegħ jew bħala aġent u jista' mingħajr ma jidħol f'xi responsabbiltà u mingħajr ma jagħti xi raġuni, jirrevoka kull ħatra bħal dik f'kull żmien:

Iżda l-persuna li għaliha jirreferi dak ir-rifjut jew tħassir tista' tapplika għand il-Ministru biex jikkonsidra l-każ tagħha.

Oġġetti mibgħuta bil-posta għar-riskju ta' min jibgħathom.

6. Rimessi, biljetti u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma' lotterija, li jintbagħtu bil-posta jmorru għar-riskju tal-ġogatur.

Id-Direttur jiġi avżat b'biljett rebbieħ.

7. (1) Avviż ta' biljett rebbieħ għandu jingħata lid-Direttur f'dak iż-żmien u b'dak il-mod li jiġi preskritt mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta.

(2) Il-biljett rebbieħ għandu jiġi ppreżentat lid-Direttur biex jivverifikah skond l-istruzzjonijiet tiegħu.

(3) Id-Direttur għandu joħroġ riċevuta dwar kull biljett rebbieħ li hu hekk jirċievi.

Setgħa tad-Direttur li jirrifjuta biljett bħala validu.

8. (1) Id-Direttur jista' jeħtieġ mingħand min ikollu biljett rebbieħ dik il-prova li jidhirlu meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-identità ta' dik il-persuna.

(2) Min ikollu biljett li jidher li jkun biljett rebbieħ ma jkollux jedd għal premju jekk id-Direttur ikun sodisfatt li dak il-biljett —

(a) ikun fih xi tibdil, korrezzjoni, tħassir jew brix tan-numru u/jew ta' ittra li tkun stampata fuqu, jew

(b) ikun mutilat, rikostitwit, ma jinqarax jew stampat ħażin, jew

(ċ) ma jgħaddix minn xi wieħed mill-eżamijiet ta' validazzjoni konfidenzjali tad-Dipartiment:

Iżda meta d-Direttur ikun sodisfatt li żewġ biljetti jew iktar li jkunu ġenwini jkollhom l-istess numru rebbieħ dwar xi premju partikolari fit-tlugħ partikolari, dak il-premju għandu jinqasam indaqs bejn dawk li jkollhom dawk il-biljetti rebbieħa.

(3) Id-deċiżjoni tad-Direttur dwar xi ħaġa li taqa' taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu tkun finali.

Ħlas ta' premju għal biljett rebbieħ.

9. (1) Id-Direttur għandu jħallas il-premju għal biljett rebbieħ lill-persuna li tippreżentalu dak il-biljett għal hekk.

(2) Meta d-Direttur ikun avżat b'att ġudizzjarju li hemm jew li se jkun hemm litigazzjoni dwar ta' min hu biljett rebbieħ jew lil min għandu jitħallas il-premju, id-Direttur għandu jiddepożita l-ammont tal-premju fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili kompetenti u dak il-premju ma jiġix rtirat sakemm il-kwistjoni tkun deċiża finalment mill-Qorti jew il-kwistjoni tinqata' xort'oħra. Id-Direttur għandu jieħu ħsieb li kopja taċ-Ċedola tad-Depożitu tiġi notifikata lill-persuna li fl-interess tagħha jiġi preżentat l-att ġudizzjarju.

(3) Meta jsir xi depożitu mid-Direttur kif provdut taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u ma tinbeda ebda azzjoni ġudizzjarja minn ebda parti li jkollha interess fil-qorti kompetenti fuq l-ammont hekk depożitat fi żmien disgħin jum minn dak id-depożitu, dak l-ammont jintilef favur il-Gvern.

(4) Kull drittijiet u spejjeż ġudizzjarji li jsiru mid-Direttur biex iħares id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu għandu jnaqqashom mill-ammont hekk depożitat jew irtirat, skond il-każ.

Fond għal Lotteriji tal-Gvern.

10. (1) Il-flus kollha li jiġu riċevuti mill-bejgħ ta' biljetti jew li jintilfu favur il-Gvern taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jitħallsu lit-Teżor mid-Direttur u għandhom jiġu akkreditati f'kont li jinżamm f'dak id-Dipartiment li jissejjaħ "il-Fond għal Lotteriji tal-Gvern".

(2) Għandhom jitħallsu mill-Fond għal Lotteriji tal-Gvern, mingħajr approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, il-premjijiet, l-ispejjeż ta' amministrazzjoni u l-ħlasijiet l-oħra kollha li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

(3) Kull bilanċ ta' kreditu wara l-egħluq tal-kontijiet meta tispiċċa s-sena finanzjarja għandu jitħallas fil-Fond Konsolidat.

(4) Jekk f'xi żmien il-flus akkreditati fil-Fond għal Lotteriji tal-Gvern ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu, jew għal kollox jew f'parti, il-premjijiet, l-ispejjeż ta' amministrazzjoni u l-ħlasijiet l-oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dan, dak in-nuqqas għandhom jagħmlu tajjeb għalih avvanzi mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżorerija, b'*warrants* iffirmati mill-Ministru.

(5) Dikjarazzjoni tad-dħul fi u ta' l-infieq mill-Fond għal Lotteriji tal-Gvern, għandha kemm jista' jkun malajr wara l-egħluq ta' kull sena finanzjarja u f'kull każ mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-egħluq ta' dik is-sena, tintbagħat mill-*Accountant General* lid-Direttur ta' Verifika.

Projbizzjoni ta' bejgħ ta' biljetti ħlief bil-prezz stabbilit.

11. Kull persuna li tbiegħ xi biljett ta' lotterija tal-Gvern bi prezz ogħla jew inqas minn dak stabbilit taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira u mhux iżjed minn mitejn lira.

Serq ta' flejjes pubbliċi.

12. Kull bejjiegħ jew aġent li jagħmel użu ħażin minn xi flus fdati f'idejh minħabba l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jeħel, meta jinsab ħati, multa li tkun daqs tliet darbiet l-ammont hekk użat ħażin, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Falsifikazzjoni ta' dokumenti ta' lotterija tal-Gvern.

13. (1) Kull min jiffalsifika xi biljett, matriċi, riċevuta jew xi dokument ieħor maħruġ dwar lotterija tal-Gvern ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' minn tlettax-il xahar sa erba' snin.

(2) Meta r-reat isir minn bejjiegħ jew aġent jew, uffiċjal pubbliku li jkun qed jaqdi d-dmirijiet fid-Dipartiment, il-piena ta' priġunerija tkun għal żmien ta' mhux inqas minn sentejn iżda mhux iżjed minn ħames snin.

Meta tingħata piena ogħla.

14. Meta l-fatt li jikkostitwixxi reat taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jikkostitwixxi wkoll reat taħt xi liġi oħra u li dwaru jkun hemm piena ogħla taħt dik il-liġi, għandha tiġi applikata dik il-piena ogħla.

Ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qrati ta' Malta.

15. Il-kwistjonijiet kollha li jinqalgħu dwar kull ħaġa li għaliha jirreferi dan l-Att għandhom jiġu deċiżi mill-Qrati f'Malta skond il-liġi ta' Malta bl-esklużjoni ta' kull liġi oħra.

Dekadenza.

16. L-azzjoni ċivili fuq kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-għoti jew mal-ħlas ta' xi premju taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ma' xi tlugħ, ma tistax tinbeda wara li jgħaddu disgħin jum mid-data tat-tlugħ.

Thassir u riżerva.
Att XXVI ta' l-1948

17. (1) L-Att ta' l-1948 dwar il-Lotteriji tal-Gvern għandu jithassar.

(2) Sakemm isiru regolamenti ġodda taħt dan l-Att, ir-Regolamenti ta' l-1977 dwar il-Lotteriji tal-Gvern għandhom jibqgħu jseħħu u għandhom, sakemm ikunu jaqblu mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jitqiesu li saru taħt dan l-Att u jistgħu jiġu varjati, mibdula jew revokati skond hekk.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 518 tat-30 ta' Ġunju, 1981.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati